ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2023

IS-SEBA' SENA L-ISTORJA L-ISKEMA TAL-MARKI

1.



Total: 12-il marka

2.1	A	2
2.2	F	2
2.3	D	2
2.4	E	2
2.5	B	2
2.6	G	2
2.7	C	2

Total: 14-il marka

3.1	Fil-Presitorja n-nies ma kinux jagħmlu użu tal-kitba filwaqt li fl-Istorja l-bniedem kien jikteb.	3
3.2	Sabiex jiġu protetti mill-elementi tan-natura bħax-xita.	3
3.3	*Waħda minn:* L-ewwel tempji kienu mibnija b'ġebel irregolari filwaqt li t-tempji li nbnew aktar tard għandhom ġebel maqtugħ dritt u uniformi u huma aktar dekorati minn ta' qabilhom b'disinji u tinqix dekorattiv.	4
3.4.1	Il-bronż isir billi jħalltu u jħollu r-ram u l-landa f'temperatura għolja. Dan jitferra' ġo forom ta' oġġetti maħduma fil-ġebel jew tafal. Hekk kif jiksaħ kien isir solidu u jiġi ffurmat oġġett tal-bronż.	3
3.4.2	*Aċċetta tnejn minn dawn:* minġel, sikkina, ċappetta, brazzuletta, tarka, xabla, bokkla, borma, elmu.	1,1
3.4.3	L-istudenti għandhom jispjegaw kif l-oġġetti li jsemmu fil-3.4.2 tejbu l-kwalità tal-ħajja f'dak iż-żmien Eż. minġel – għamel ix-xogħol tal-biedja eħfef għax setgħu jaqtgħu l-ħxejjex b'mod eħfef; borma – setgħu jsajru fiha u b'inqas ċans li tinkiser malajr; elmu, tarka – kienet tipproteġi lis-suldati milli jweġġgħu; ċpiepet, ġiżirajjen – setgħu jidhru aktar sbieħ u jkollhom dehra aħjar.	3

Total: 18-il marka

4.1	a. Primarju	1
	b. Sparta kienet soċjetà bbażata fuq il-militar immexxija minn żewġ rejiet.	2
4.2	a. Sekondarju	1
	b. L-Akropoli hija għolja fejn insibu tempji ddedikati lill-allat Griegi. L-Akropoli kienet tintuża bħala post ta' difiża fi żmien ta' gwerra.	2
4.3	a. Primarju	1
	b. Fost l-istili arkitettoniċi Griegi nsibu l-istil Doriku, Joniku u Korintu.	2
4.4	a. Sekondarju	1
	b. Il-Griegi kienu jaduraw diversi allat fosthom lil Zeus u Atena. Il-Griegi kienu jemmnu li l-allat tagħhom kienu jgħixu fuq il-muntanja Olimpu.	2

(Total: 12-il marka)

5.1	tbaħħir	2
5.2	amfora *Aċċetta waħda minn:* inbid; għasel; żejt; qamħ; melħ	2 2
5.3	arkeologu	2
5.4	Malta kienet tintuża mill-Feniċi bħala stazzjon għall-merkanzija għas-swieq tagħhom; bħala port ta' kenn f'każ ta' maltemp; użaw il-portijiet għall-kummerċ tagħhom.	2,2

(Total: 12-il marka)

6.1	Muhammed	2
6.2	a, d, e	2,2,2
6.3.1	Mekka	2
6.3.2	*Aċċetta waħda minn dawn l-ibliet*: Bagdad; Ġerusalemm.	2
6.4	a. *Aċċetta tweġiba minn dawn*: Portugall; Spanja. b. *Aċċetta tweġiba fosthom*: Franza; Italja; Greċja.	1 1
6.5	L-Għarab attakkaw lil Malta fis-sena 869 W.K. iżda ma rebħuhiex. Fis-sena 870 W.K. l-Għarab reġgħu attakkaw lil Malta, rebħuha u ħallewha f'ħerba.	4

(Total: 18-il marka)

7.	L-istudenti għandhom juru li jafu tagħrif u kunċetti storiċi. Jeħtieġ li jkunu jafu jinterpretaw dak li huwa mitlub minnhom fit-tema u juru li jafu jesprimu lilhom infushom b'mod oġġettiv fl-istorja. L-istudenti għandhom ikunu jafu jħaddnu l-ħiliet fl-istruttura tal-kitba u fl-analiżi ta' fatti u opinjonijiet storiċi. L-użu korrett tal-lingwa huwa mistenni, iżda żbalji fl-ortografija m'għandhomx ikunu ppenalizzati.	
7.1	L-istudenti jingħataw marki għal dawn il-punti li jsemmu: ix-Xmara Nil u kif għenet l-iżvilupp ta' din iċ-ċiviltà, kif u għaliex inbnew il-piramidi u l-isfinġa, il-Farawni, il-mummji, it-twemmin tagħhom dwar il-mewt u l-ħajja ta' wara, il-ġeroglifiċi u l-użu tal-papiru, il-ħajja ta' kuljum tal-Eġizzjani bħal bdiewa, merkanti u bennejja tal-piramidi.	14

(Total: 14-il marka)